**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' April, 2025

Rikors Ġuramentat: 52/2024 AL

**A B**

**vs.**

**C D**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ta' A B li permezz tiegħu ppremetta:

*1) Illi l-kontendenti kienu f'relazzjoni li spiccat f'Gunju tas-sena 2021 u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla wahda, E B, nhar it-26 Gunju 2011;*

[1] Fol. 1.

*2) Illi l-konvenuta ghandha tifla ohra minn relazzjoni ohra bl-isem ta' F D illi twieldet fil-25 Jannar 2010 u li għalhekk ghandha erbatax-il sena;*

*3) Illi t-tifla minuri, F D hija ukoll bint missier mhux maghruf, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija tifla liema certifikat huwa hawn anness u mmarkat DOK A;*

*4) Illi r-relazzjoni tal-partijiet bdiet f'Lulju 2010 meta t-tifla F kellha biss ftit xhur u l-esponent effettivament rabba lit-tifla minuri li da parti taghha ghandha sallum, issejjah lill-esponent 'papa' u tittrattah ta' missierha u dan kif ser jirrizulta matul il-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;*

*5) Illi l-esponent xtaq illi t-tifla minuri F tkun tista tattendi ghall-access flimkien ma ohtha, E, meta hi jkollha access mal-esponent kif imsemmi fid-digriet tat-21 Ottubru 2022 (DOK B) b'dana illi dan dejjem gie resistit mill-konvenuta u għalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*6) Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola l-kawza odjerna permezz ta' digriet tad-19 Jannar 2024 (DOK C).*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha:-*

*i. tordna illi l-attur ghandu jkollu access versu t-tifla minuri F D kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn 1-4:30 p.m. u t-8:00 p.m. u, fi tmiem il- gimgha b'mod alternanti, darba mill-Gimgha fil-5:00 p.m. sas-Sibt fis-7:30 p.m. u l-ghada mis-Sibt fil-5:00 p.m. sas-Hadd fis-7:30 p.m*

*ii. Taghti provvediment u access li jkun applikabbli b'mod specifiku ghall-granet partikolari segwenti:*

*a) Jum il-Missier*
*b) Jum l-Omm*
*c) Lejliet il-Milied u l-Milied*
*d) Lejliet l-Ewwel tas-sena u l-Ewwel tas-sena*
*e) Il-gurnata ta' l-Ghid*

*f) Gheluq snin il-missier*
*g) Gheluq snin l-omm*
*h) Gheluq snin il-minuri*
*i) Festi pubblici*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda ta' l-attur.

Rat kopja tad-digriet ta' din il-Qorti[2] li bih iddikjarat magħluqa l-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża u dan fit-termini mposti mill-liġi;

Rat kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri F D bin-numru 401 tas-sena 2010;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[4] fejn eċċepiet kif ġej:

*1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti qed tqajjem in-nullita` tal-kawza odjerna u dana stante illi din hija naxxenti minn digriet tad-19 ta' Jannar 2024 li awtorizza "lill-partijiet jipprocedu b'kawza u dan fit-termini mposti mil-Ligi" meta l-istess proceduri illi fihom inghata l-imsemmi digriet huma proceduri illi ma ghandhom l-ebda validita` u effett legali stante illi ai termini tal- Artikolu 10 (1) tal-Ligi Sussidjarja 12.20, persuna tkun trid tipprocedi quddiem din il-Qorti f'kaz inter alia ta' "(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta'* ***wliedhom****."*

*2. Illi konsegwentement u in linea mal-massima legali quod nullum est nullum producit effectum, ir-rikors guramentat prezentat mill-attur A B illi fi kliemu stess intavola din il-kawza a bazi tal-awtorizzazzjoni tad-digriet tad-19 ta' Jannar 2024 (punt numru 6 fir-rikors promotur) huwa wkoll null u bla effett legali;*

[2] Digriet tad-19 ta' Jannar 2024 a fol. 7.
[3] Fol. 5.
[4] Fol. 18.

*3. Illi, fit-tieni lok, jinghad illi l-intimata bil-qawwa kollha tirrespingi l-premessi kollha ghat-talbiet vvantati minn A B, fil-konfronti taghha;*

*4. Illi kif ser jirrizulta ahjar fil-mori ta' din il-kawza l-intimata ghaddiet minn episodji koroh ta' vjolenza meta kienet ghadha f'relazzjoni mal-istess attur, illi l-attur mhux bniedem illi ghandu fl-ahjar interessi tieghu l-minuri izda biss il-pika zejda mal-omm illi xprunatu illi jintavola din il-kawza u dana kwazi tliet snin wara illi ntemmet ir-relazzjoni minn mal-istess esponenti;*

*5. Illi jekk l-attur verament kellu l-ahjar interessi tal-minuri ghal qalbu, ma kienx jagixxi bil-mod illi agixxa fil-konfront taghha f'dawn l-ahhar snin;*

*6. Illi hija tirrileva illi kienet dejjem l-omm illi hadet hsieb it-trobbija ta' uliedha minuri u rat l-ahjar interessi taghhom u dana anke f'kazijiet fejn l-attur ghamilha ferm difficli sabiex hija taghmel dan;*

*7. Illi t-talbiet tal-attur m'huma bl-ebda mod sopportati minn bazi legali stante illi huwa m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri u għalkemm kien hemm zmien meta kien f'hajjitha ghal dawn l-ahhar snin kien hu illi ddecieda illi jaqtaghha minn hajtu. L-attur ma jistax gost u pjacir tieghu jiddeciedi meta din il-minuri ghandha tkun f'hajtu u meta le;*

*8. Illi b'referenza ghalhekk ghall-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur A B, l-intimata TOGEZZJONA U TOPPONI bil-qawwa kollha u titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad l-istess;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz,*

*Bl-ispejjez kontra l-istess attur;*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta;

Semgħet il-partijiet jitrattaw l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuta waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2025;[5]

---

[5] Traskrizzjoni a fol. 35.

Rat kopja tal-atti tal-medjazzjoni preżentati waqt l-istess seduta;[6]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari miġjuba mill-konvenuta[7];

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Ikkunsidrat:**

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldet it-tifla E fis-26 ta' Ġunju 2011. Il-konvenuta iżda kellha tifla minn relazzjoni oħra, F, li twieldet fil-25 ta' Jannar 2010 lil missier mhux magħruf. L-attur qiegħed permezz ta' din il-kawża jitlob illi jingħata aċċess għall-minuri F, flimkien ma' oħtha E, għalkemm tal-ewwel ma hix il-wild naturali tiegħu, iżda hu jgħid li prattikament rabba lil F bħal bintu minn meta din kellha biss ftit xhur.

Il-konvenuta minn naħa tagħha topponi bil-qawwa għat-talbiet tal-attur u tressaq eċċezzjoni preliminari tan-nullità tal-kawża peress li *ai termini* ta' l-Artikolu 10 (1) tal-Ligi Sussidjarja 12.20, dawn il-proċeduri huma maħsuba għal persuna li tkun trid tipproċedi minħabba *"(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess* ***ta' wliedhom.****"* u f'dan il-każ F ma hix il-wild naturali tal-attur.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni ta' żewġ persuni li għamlu snin f'relazzjoni bejniethom u li qabel din ir-relazzjoni l-konvenuta omm diġà kellha wild minn missier mhux magħruf li ma huwiex l-attur u *ċioé* l-minuri F. Il-partijiet imbagħad bdew relazzjoni bejniethom u rabbew il-wild tal-omm, mal-wild naturali li mbagħad kellhom huma, sakemm waqqfu r-relazzjoni ta' bejniethom.

---

[6] Fol. 29.

[7] Verbal tat-23 tad-9 ta' Jannar 2025 a fol. 28.

Sussegwentement l-attur fetaħ proċeduri ta' medjazzjoni speċifikament (skont iċ-ċertifikat tat-twelid preżentat mal-ittra ta' medjazzjoni) dwar possibilità ta' aċċess għat-tifla F li ma hijiex il-wild naturali tiegħu. Il-partijiet ma waslux għal ftehim u wara li ġew awtorizzati minn din il-Qorti li jipproċedu b'kawża l-konvenuta ressqet eċċezzjoni li l-kawża odjerna hija nulla għaliex il-Liġi Sussidjarja 12.20 fl-Artikolu 10(1) tgħid kif ġej:

*"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti –*

*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le,dwar il-kustodja, manteniment u* ***aċċess ta' wliedhom****;"*

U f'dan il-każ l-attur ma hux missier it-tifla li dwarha fetaħ din il-kawża. Il-konvenuta għalhekk tgħid li "*ma tistax din il-kawża tibqa teżisti ġaladarba għandha din il-problema fejn il-leġislatur...ma riedx li persuna li m'għandiex ġuridku tat-tip ta' ġenitur ma' din it-tifla ikun jista' jiftaħ kawża illi trid tibda bilfors bil-medjazzjoni quddiem din il-Qorti."*[8]

Illi l-Qorti tibda billi tgħid illi l-Artikolu 37(9) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) isemmi d-dritt ta' aċċess anke meta l-partijiet huma ġenituri mhux miżżewġin. Il-Liġi sussidjarja li fuqha hija msejsa l-proċedura ta' medjazzjoni issemmi d-dritt ta' aċċess għal kull ġenitur anke jekk mhux dak f'relazzjoni taż-żwieġ. Dan huwa ovvjament parti mill-iżvilupp tal-liġi li kull ma jmur tkopri iktar realtajiet soċjali li jkunu qed jemerġu mat-trappass taż-żmenijiet. Proċedura għal kawża ta' aċċess fil-fatt hija nkorporata biss fil-Liġi Sussidjarja 12.20 dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u għalhekk kull min irid jiftaħ kawża dwar aċċess ta' minuri irid isegwi l-proċedura li taħseb għaliha din il-liġi sussidjarja. Din il-liġi fl-ebda mument ma tiddistingwi fejn kawża ta' aċċess tista' tiġi intavolata mingħajr il-proċess tal-medjazzjoni u għalhekk il-proċedura fejn jidħlu kawżi ta' aċċess hija waħda u *ċioé* dik li tinbeda bil-medjazzjoni.

L-Artikolu 10 jgħid illi meta "persuna" tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti minħabba nuqqas ta' qbil bejn partijiet, miżżewwġin jew le, dwar "aċċess ta' wliedhom" dik il-parti għandha tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti dwar

[8] Fol. 38.

dan. Il-liġi ma tispeċifikax illi jrid ikun "ġenitur" jew "ġenitur naturali" li jagħmel dan jew, li dan jista' jsir dwar "wliedhom naturali". Barra minn hekk il-Qorti ma tistax fir-realtajiet tal-lum tirristrinġi ruħha għal dawk li huma l-familji tradizzjonali. Fil-fatt, id-diċitura ta' dan id-dispost tħalli l-bibien miftuħa għal '*step parents'*, per eżempju, li jaġixxu ta' ġenituri f'ambjent familjari mingħajr ma jkollhom neċessarjament drittijiet ta' ġenitur.

Tenut kont il-premess, fil-każ odjern, ladarba l-attur allegatament rabba lill-minuri hu, fl-assenza tal-missier naturali proprju tal-minuri u għalhekk anke hi bniet relazzjoni ta' bint u missier miegħu, il-Qorti, ma tarax għalfejn, strettament mingħajr preġudizzju għall-mertu, ma għandhiex tisma' dan il-każ ġaladarba l-attur jidher li kien missier *de facto* imqar *prima facie* – tant hu hekk illi l-konvenuta dan tikkonċedih fi kliem ieħor meta hija tgħid li "*kien hemm zmien meta kien f'hajjitha"* fis-seba' eċċezzjoni tagħha.

Fil-ħajja ta' llum fejn ir-realtajiet soċjali komuni huma dawk ta' koppji li għalkemm l-omm tista' tkun l-omm naturali, l-missier jista' ma jkollu l-ebda rabta bijoloġika mal-minuri li qed irabbi bħal fil-każ ta' trabi li jitwieldu b'metodi mhux tradizzjonali, dan ma jfissirx li l-missier ma jistax ikollu drittijiet fil-konfront ta' dak il-minuri li huwa rabba bħala ibnu/bintu. Jekk se naslu f'dak il-punt allura anke l-aħjar interessi tat-tfal ikunu qed jiġu injorati, stante li wieħed ma jkunx qiegħed jikkunsidra r-rabta affettiva li l-minuri stess seta jiżviluppa fil-konfront ta' min effettivament rabbih, u l-ħsara li tista' ġġib magħha meta tali persuna jinqata minn ħajjitha. Dan jingħad mingħajr preġudizzju għal dak li jistgħu jkunu l-partikolaritajiet f'dan il-każ, fejn bħal fil-każ ta' missirijiet naturali l-Qorti tista' saħansitra tiddeċiedi li ma jkunx fl-aħjar interess tal-wild li din ikollha aċċess għal missierha. Madanakollu dak jista' biss jiġi deċiż meta l-Qorti tanalizza u sussegwentement tiddeċiedi dwar il-mertu.

GĦALDAQSTANT u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti tqis li ma tissussisti ebda nullità kif ravvizata fl-eċċezzjonijiet in diżamina, u konsegwentement ir-rikors ġuramentat huwa validu. Għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta għandhom jiġu miċħuda.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.